



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13204/20

DEVGEN 175
FIN 882
ACP 147
RELEX 911
COAFR 337

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 20 ta' Novembru 2020

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12572/20

Suġġett: Rapport Speċjali Nru. 14/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-
għajnuna għall-iżvilupp li tingħata mill-UE lill-Kenja
- konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Novembru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 14/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-għajnuna għall-iżvilupp li tingħata mill-UE lill-Kenja, approvati permezz ta' proċedura bil-miktub fl-20 ta' Novembru 2020.

**Rapport Speċjali Nru 14/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-ghajjnuna għall-iżvilupp
li tingħata mill-UE lill-Kenja
Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Kuntest

1. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru°14/2020 tagħha. Il-Kunsill jinnotta li l-Qorti użat l-analiżi tagħha tal-ghajjnuna għall-iżvilupp li tingħata mill-UE lill-Kenja biex tidentifika l-isfidi ewlenin għall-effettività tal-iżvilupp. Il-Kunsill jiffoka l-konklużjonijiet tiegħu fuq il-Kenja.

Impenji

2. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li juża l-ghajjnuna għall-iżvilupp tal-UE biex jikkontribwixxi għall-kisba tal-SDGs / Aġenda 2030 u għall-qerda tal-faqar. Il-prinċipji ta' gwida huma li ma jitħalla ħadd jaq' lura u l-ilħuq ta' dawh l-aktar imbiegħda l-ewwel. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi kollha biex jinkisbu dawn l-oġettivi, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.
3. Il-Kunsill itenni li l-promozzjoni b'suċċess tal-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar jeħtieġu sjieda demokratika mill-pajjiżi sħab. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-ghajjnuna għall-iżvilupp tal-UE tiġi allinjata mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-iżvilupp tal-Kenja.
4. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-analiżi tal-Qorti fiha lezzjonijiet utli meħuda għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE. Il-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri għandhom jużawhom biex itejbu l-impatt tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE; ukoll permezz ta' impenn konġunt bħala Tim Ewropa.

Azzjonijiet

5. Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-proġetti tal-UE taħt l-10 FEŻ ġeneralment taw ir-risultati mistennija tagħhom. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom sabiex l-ghajjnuna tal-UE tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar u r-reżiljenza għall-klima.

6. Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-appoġġ tal-UE għas-sigurtà alimentari u r-reżiljenza għall-klima kkontribwixxa b'mod effettiv għat-tnaqqis tal-ġuħ fil-Kenja. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-isforzi biex jiġu appoġġati l-agrikoltura fuq skala żgħira u s-sistemi agroalimentari sostenibbli fil-Kenja.
7. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-osservazzjoni tal-Qorti li l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp ekonomiku ma ġġenerax effetti li jistgħu jitkejlu b'mod suffiċjenti. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex ikomplu jiprijoritizzaw il-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli fil-Kenja. L-isforzi għandhom jiffukaw fuq it-trawwim ta' klima ta' investiment u ktajjen tal-valur xierqa, u fuq il-promozzjoni ta' tkabbir sostenibbli, impjiegi deċenti u opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali kif ukoll għajxien sostenibbli.
8. Il-Kunsill jilqa' l-osservazzjoni tal-Qorti li l-appoġġ għall-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-governanza tajba u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Kenja huwa importanti ħafna. Il-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu bl-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward.
9. Il-Kunsill jinnota l-analiżi tal-Qorti tal-kriterji ta' prestazzjoni, il-formula ta' allokazżjoni u l-proċess użati biex jiġi allokat il-finanzjament tal-UE lil pajjiżi sħab partikolari taħt il-11-il FEŻ. Il-Kunsill jinnota r-rakkomandazzjoni tal-Qorti rigward rabta ċara bejn l-allokazżjonijiet finanzjarji u l-prestazzjoni tal-pajjiż kif ukoll l-impenn tal-gvern fil-Kenja. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jesploraw kif il-ħtiġijiet, il-kapaċitajiet, l-impjenji u l-prestazzjoni tal-Kenja jistgħu jitqiesu aħjar meta jiġu deċiżi l-allokazżjonijiet finanzjarji.
10. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-proposta tal-Qorti biex tiżdied l-effettività tal-ġhajjnuna tal-UE billi l-appoġġ tal-UE lill-Kenja jiġi ffukat aħjar f'xi oqsma ta' intervent. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' din ir-rakkomandazzjoni matul l-eżerċizzju ta' programmazzjoni li jmiss – inkluż fir-rigward tal-possibbiltà futura ta' Pprogrammar Konġunt u Inizjattivi ta' Tim Ewropa fil-Kenja, b'mod inklużiv.
11. Il-Kunsill jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-koordinazzjoni tad-donaturi fil-Kenja tista' tittejjeb biex tiżdied l-effettività tal-iżvilupp. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex ikomplu jtejbu l-isforzi tagħhom.

Impatti

12. Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li huwa diffiċli li jitkejlu l-impatti speċifiċi li xi proġetti tal-UE għandhom fuq it-trajettorja tal-iżvilupp ġenerali tal-Kenja. Filwaqt li jenfasizza li l-kejl tal-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar hija sfida kumplessa, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex flimkien jidentifikaw oqsma ewlenin fejn l-UE jista' jkollha l-akbar impatt u valur miżjud – kemm fuq perijodu qasir kif ukoll fit-tul – u biex tallinja l-programmi futuri kif meħtieġ, inkluż meta jfasslu b'mod konġunt l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa.
 13. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex ifasslu u jimplimentaw b'mod konġunt approċċi komprensivi mmirati lejn il-massimizzazzjoni tal-impatti pożittivi tal-iżvilupp fil-Kenja; flimkien mas-sħab Kenjani rilevanti.
-